NETWERK RURALI NAZZJONALI MALTI

# NEWSLETTER

EDIZZJONI NRU 8, JANNAR 2014

**NETWERK RURALI NAZZJONALI MALTI**
Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli,
l-Ambjent, u t-Tibdil fil-Klima

Awtorità ta' Tmexxija
Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli,
l-Ambjent, u t-Tibdil fil-Klima
Block A, Luqa Road, Qormi, QRM 9075, Malta
Tel: 00356 2292 4227 • Email: rdd.msdec@gov.mt

**www.msdec.gov.mt**

Għeżież qarrejja,

Kif miktub fl-edizzjonijiet ta' qabel, l-Awtorità ta' Tmexxija flimkien ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati kienu ddiskutew r-rekwiżiti u l-elementi meħtieġa għall-programm il-ġdid għall-iżvilupp rurali. F'din l-edizzjoni, se naqsmu magħkom il-passi li għandhom jittieħdu biex jiġi finalizzat dan il-programm li se jkopri s-snin 2014-2020.

Karatteristika ġdida ta' din in-newsletter hi spazzju regolari li se jkun iddedikat għall-proġetti ko-finanzjati minn fondi għall-Iżvilupp Rurali. Barra minn hekk, se naqsmu magħkom ukoll l-attivitajiet ewlenin li twettqu mill-Awtorità ta' Tmexxija, avvenimenti mħabbra fl-aħħar edizzjoni, u avviżi dwar l-avvenimenti ppjanati.

NRNM Tim
rdd.msdec@gov.mt



## F'DIN IL-ĦARĠA

€138 miljun f'fondi tal-UE għall-komunitajiet rurali u agrikoli tagħna.......... 2

Il-Futur tal-Iżvilupp Rurali: Programm ta' Malta 2014-2020.................... 3

Abbozz ta' politika dwar l-ODZ.................... 5

Kartolina tal-Proġett ........................................ 6

Lenti fuq: Rwol u s-sehem tal-GAL XLOKK.................................................. 7

Attivitajiet Riċenti tal-NRNM ......................... 8

Aħbarijiet u Avvenimenti li ġejjin................. 9





# €138 miljun f'fondi tal-UE għall-komunitajiet rurali u agrikoli tagħna

Il-Programm il-ġdid tal-Iżvilupp Rurali (2014-2020) dalwaqt se jidħol fis-seħħ. Kif imħabbar f'Novembru li għadda, il-komunitajiet agrikoli u rurali tagħna se jibbenefikaw minn fondi li jammontaw għal €138 Miljun Euro. Aħna nifhmu l-importanza u l-benefiċċji tal-iżvilupp rurali, u wkoll il-kontribut tiegħu għall-ekonomija lokali. Għalhekk għandha tingħata kunsiderazzjoni speċjali lil dawk direttament involuti f'dan is-settur. Il-fondi se jappoġġjaw l-investimenti mwettqa mill-bdiewa biex itejbu l-kompetittività tagħhom, jadattaw għat-tibdil fil-klima, itejbu l-ħiliet u l-għarfien tagħhom u jippreservaw u jipproteġu l-pajsaġġ u l-ambjent tagħna. Se tingħata importanza lir-riċerka u l-innovazzjoni fejn il-programm jimmira li jappoġġja sħubijiet għall-innovazzjoni li se tara lill-bdiewa, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u atturi oħra jaħdmu fuq inizjattivi pilota f'oqsma bħal dawk relatati mal-mitigazzjoni tan-nixfa, l-enerġija u l-ġestjoni tal-iskart. Hu maħsub ukoll li jiġu fis-seħħ miżuri li jservu biex jappoġġjaw bdiewa żgħażagħ, kif ukoll għall-ewwel darba skema ta' assigurazzjoni agrikola għall-bdiewa.

Waħda mill-missjonijiet ewlenin tagħna se tkun li npoġġu lil Malta u l-prodotti tagħna fuq il-Mappa Ewropea. Sfortunatament aħna l-uniku Stat Membru li f'dawn l-aħħar 7 snin ma rnexxilniex inwaqqfu l-ebda skema tal-kwalità tal-ikel u dan kien għad-detriment tal-produtturi, tal-konsumaturi u tal-eluf ta' turisti li jżuru pajjizna. Għal din ir-raġuni l-programm il-ġdid tal-iżvilupp rurali se jippromwovi u jgħin fit-twaqqif ta' skemi nazzjonali jew tal-UE relatati mal-kwalità tal-ikel.

Għalija, il-prijorità ewlenija se tkun li nassigura ġustizzja u agrikoltura sostenibbli li se tiggarantixxi dħul aħjar għall-bdiewa, kwalità tal-ħajja aħjar, u ambjent aħjar għas-saħħa u l-benessere taċ-ċittadini kollha tagħna.

**Hon. Roderick Galdes**
Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

# Il-Futur tal-Iżvilupp Rurali

## Programm ta' Malta 2014-2020



L-Awtorità ta' Tmexxija, li hija responsabbli għan-Network Rurali Nazzjonali Malti, organizzat konsultazzjoni pubblika biex tiddiskuti il-Programm għall-Iżvilupp Rurali Malti 2014-2020 (RDP). Il-kelliema mistiedna għal dan l-avveniment kienu Dot. Janet Dwyer, u Profs. John Powell mill-Istitut "Community and Country Research", tal-Università ta' Gloucestershire, fl-Ingilterra. Huma analizzaw il-"feedback" miġbura matul il-laqgħat ta' konsultazzjoni preċedenti u taw ħarsa ġenerali tas-sejbiet ewlenin.

Il-Programm tal-Iżvilupp Rurali ta' Malta (2014-2020) se jkun imfassal madwar ħames temi prijoritarji kif proposti hawn taħt:

1. Ilma, skart u enerġija - allokazzjoni ta' € 19,000,000
2. Prodott ta' kwalità Malti - allokazzjoni ta' € 27,000,000
3. Settur tal-bhejjem sostenibbli - allokazzjoni ta' € 18,000,000
4. Il-pajsaġġ u l-ambjent - allokazzjoni ta' € 37,000,000
5. Ekonomija rurali wiesgħa u l-kwalità tal-ħajja - allokazzjoni ta' € 24,000,000.

Taħt dawn it-temi se jiġu stabbiliti miżuri addizzjonali bil-għan li jiġi faċilitat l-aċċess għall-fondi.Dawn jistgħu jinkludu strumenti finanzjarji, skemi ta' ġestjoni tar-riskju u għajnuna teknika b'allokazzjoni totali ta' € 11,000,000.

Is-sur Donald Aquilina, mill-Awtorità ta' Tmexxija, iddiskuta l-approċċi ġodda biex jiġi implimentat il-Programm għall-Iżvilupp Rurali li jmiss u ta ħarsa lejn il-passi li għandhom jittieħdu għall-assorbiment tal-fondi għall-iżvilupp agrikolu u rurali allokati lil Malta mill-Unjoni Ewropea. L-approċċ ta' implimentazzjoni tal-programm il-ġdid jista' jiġi mqassar kif ġej:

**€18-il miljun**

għal settur tal-bhejjem sostennibli



- Nibnu fuq l-esperjenzi tagħna kif ukoll l-esperjenzi ta' Stati Membri oħra;
- Aspetti importanti - informazzjoni dettaljata u f'waqtha, twaqqif ta' sistemi akkreditati u struttura minn stadju bikri, l-iżvilupp ta' kriterji ta' għażla aktar effettivi, sistemi aktar effiċjenti fl-ipproċessar ta' pagamenti, proġetti integrati u riżorsi;
- Aspetti pożittivi - għarfien, flessibilità, kooperazzjoni, parteċipazzjoni attiva aħjar u t-twaqqif ta' Network Rurali;
- Ideat għal 2014-2020 - kampanja ta' informazzjoni effettiva, animaturi rurali, promozzjoni ta' proġetti, kooperazzjoni ma' entitajiet rilevanti, "hub" rurali / "one stop shop", applikazzjoni waħda integrata, taħriġ neċessarju;
- Kooperazzjoni - kooperazzjoni minn dawk kollha involuti huwa meħtieġ fl- implimentazzjoni ta' ċerti proġetti bħal riabilitazzjoni ta' żoni rurali;
- Suġġerimenti  sabiex tesplora ideat ta' proġetti potenzjali ma' entitajiet oħra u tiżviluppa kunċett ċar għall-proġett tiegħek, tapplika għall-permessi meħtieġa tal-MEPA, iżomm ruħek aġġornat b' informazzjoni u żviluppi ġodda.

Wara l-laqgħa ta' konsultazzjoni, il-passi li jmissu għall-iżvilupp tal-RDP huma dawn li ġejjin:

- Fix-xhur li ġejjin se jiġi żviluppat aktar l-abbozz tal-programm li se jinkludi miżuri konkreti, interventi, skemi u dettalji oħra meħtieġa;
- L-abbozz se jiġi rivedut abbażi tal-feedback miġbura, u d-diskussjonijiet li għaddejjin fil-livell tal-UE. Numru ta' sessjonijiet ta' konsultazzjoni oħra se jsiru hekk kif l-abbozz jiġi żviluppat aktar;
- Il-preżentazzjoni tal-ewwel abbozz tal-RDP u l-"Partnership Agreement" hija prevista għall-bidu tal-2014. Wara dan se jkolna l-possibbiltà li jkolna idea aktar ċara ta' meta l-programm finali se jerġa' jkun sottomess għall-approvazzjoni. Wara dan, il-Kummissjoni se jkollha  perjodu ta'sitt xhur sabiex tapprova l-programm. Matul dan il-perjodu il-Kummissjoni tkun tista' tippreżenta talbiet għal kjarifiki jew emendi;
- Wara l-pubblikazzjoni tal-programm approvat, il-Ministeru se jwettaq il-promozzjoni meħtieġa u se jniedi l-miżuri.

Aktar informazzjoni dwar id-dokument ta' konsultazzjoni tista' tinkiseb minn fuq il-websajt tal-Awtorità ta' Tmexxija fuq www.msdec.gov.mt





# Abbozz ta' politika dwar l-ODZ

F'Novembru 2013, l-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) ħarġet għall-konsultazzjoni pubblika dokument tad-disinn u abbozz ta' politika intiż li jirregola l-iżvilupp futur fl-oqsma ODZ. Il-politika proposta fid-dokument hija maħsuba biex tappoġġja s-settur agrikolu, bil-għan li tipprovdi qafas ta' politika li jassisti u jissimplifika l-proċeduri għall-komunità agrikola. Dan id-dokument ifittex li jippromwovi u jinċentiva d-diversifikazzjoni agrikola, bħal pereżempju l-bejgħ dirett mill-ażżjendi agrikoli, l-attrazzjonijiet għall-visitaturi u l-agro-turiżmu.

L-għanijiet tal-politika tad-dokument huma dawn li ġejjin:

- Biex tappoġġja żvilupp li huwa essenzjali u ġenwin għall-ħtiġijiet ta' agrikoltura sostenibbli u żvilupp rurali sabiex jikkumplimentaw il-kompetittività tal-ekonomija rurali;
- Biex tinkoraġġixxi lill-bdiewa sabiex jiddiversifikaw l-attivitajiet agrikoli ewlenin tagħhom, filwaqt illi tiskoraġġixxi kwalunkwe proliferazzjoni ta' bini ġdid li mhux meħtieġ barra l-konfini taż-żona ta' żvilupp; u
- Biex tkun assigurata l-konservazzjoni u l-amministrazzjoni xierqa tal-kampanja għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

L-abbozz ta' politika jikkumplimenta u jiffaċilita l-proċess għat-twettiq tal-prijoritajiet tal-Pjan għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020. Dan jipprovdi opportunitajiet sabiex jiġu indirizzati d-dgħufijiet li ġew enfasizzati matul il-proċess ta' konsultazzjoni għall-iżvilupp tal-abbozz tal-RDP. Qed jiġu proposti permessi għat-titjib jew għall-bini ta' faċilitajiet tal-biedja maħsuba biex jappoġġjaw il-biedja sostenibbli u li jikkonformaw mar-regoli u r-regolamenti relatati mal-Politika Agrikola Komuni tal-UE u l-Politika Agrikola Nazzjonali. Tali faċilitajiet jistgħu jinkludu mħażen għall-makkinarju agrikolu u għal tagħmir ieħor, għal prodotti agrikoli, għall-gradazzjoni ta' prodotti, "cold storage",u faċilitajiet sanitarji.

L-abbozz qed jipproponi kapitolu sħiħ dwar id-diversifikazzjoni agrikola bil-għan li jkun hemm titjib fid-diversifikazzjoni ta' intrapriżi tal-biedja u fid-dħul tagħhom. Dan jinkludi l-permessi ta' «farm shops» maħsuba għall-bejgħ dirett ta' prodotti agrikoli li huma ġenwinament lokali jew ta' prodotti tradizzjonali. Qed jippromwovi ukoll il-bidla fl-użu jew il-konverżjoni ta' bini mibni legalment fi ħdan intrapriża biex isiru attrazzjoni għall-viżitatur. Il-politika tippermetti wkoll l-iżvilupp ta' razzett li jinkludi akkomodazzjoni, fejn il-viżitaturi jistgħu jesperjenzaw il-ħajja f'razzett u jieħdu esperjenza prattika ta' kif jitmexxa razzett.

Il-politika l-ġdida tissimplifika l-proċeduri ta' ppjanar li bihom ċerti żviluppi fir-razzett mhux se jeħtieġu applikazzjoni għall-iżvilupp, bħal per eżempju l-installazzjoni ta' "tunnels" li huma iżgħar minn 2.3m jew ġibjuni ġodda għall-ilma.

Din il-politika ġdida tenfasizza l-ħtieġa għall-appoġġ lill-bdiewa żgħażagħ biex jistabbilixxu l-intrapriżi agrikoli tagħhom . Id-dokument jagħti aktar responsabbiltà lill-konsulenti esterni, fosthom lid-Dipartiment tal-Agrikoltura bħala l-awtorità l-aktar kompetenti biex tiġġudika l-ġenwinità u l-ħtieġa tal-iżviluppi proposti.

Il-politika proposta ġabet magħha reazzjonijiet diverġenti mid-diversi partijiet interessati. L-organizzazzjonijiet tal-bdiewa kellhom reazzjoni pożittivi, kif muri fid-dikjarazzjonijiet konġunti dwar il-qbil tagħhom mal-abbozz tal-politika. Fl-opinjoni tagħhom il-bdiewa se jkunu jistgħu jaqilbu għal katina alimentari aktar orjentata lejn il-kwalità u prattiċi agrikoli aktar sostenibbli . Min-naħa l-oħra, fi stqarrija konġunta, l- NGOs qalu li filwaqt li jappoġġjaw miżuri li jgħinu lill-bidwi ġenwin, enfasizzaw il-periklu li s-simplifikazzjoni tal-proċess ta' ppjanar tista' ssir tattika istituzzjonali li biha jinqabżu r-regolamenti.

**Sharlo Camilleri**
Kap Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali

**Il-politika l-ġdida tissimplifika l-proċeduri ta' ppjanar li bihom ċerti żviluppi fir-razzett mhux se jeħtieġu applikazzjoni għall-iżvilupp**

# RDP 2007-2013
## Kartolina tal-Proġett

**Miżura 121**
Immodernizzar ta' Azjendi Agrikoli
**Miżura 123**
Valur mizjud fuq Prodotti Agrikoli

**Benefattur:** Chris Zahra
**Settur:** Bhejjem - Nagħaġ u mogħoż



*"...Mingħajr din l-għajnuna, kien ikun diffiċli ħafna għalija biex nimmodernizza u nespandi l-azjenda tiegħi. L-investimenti li għamilt tejbu l-effiċjenza kif ukoll is-sostenibbiltà tal-azjenda tiegħi. Pereżempju l-"ice-bank" iħaffef il-proċess tat-tkessiħ tal-ħalib, u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż relatati mal-konsum tal-enerġija u l-ħin meħtieġ għall-proċess."*



**Għan:** Jaġġorna l-impriża skont standards tal-UE filwaqt li jtejjeb l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-azzjenda agrikola tiegħu.

**Sfond**: Is-Sur Chris Zahra, huwa bidwi żagħżugħ li jaħdem full-time fir-razzett tal-bhejjem li għandhu fiż-żona tal-Virtu'. Fir-razzett wieħed jista' jsib merħla ta' 73 nagħġa li minnhom jaħlebil-ħalib u jipproċessah fi ġbejniet. Biex itejjeb l-operat tiegħu, Chris għamel investiment fl-impriża tiegħu u bbenefika fondi taħt il-Miżuri 121 u 123.

**Investimenti:** L-investiment mill-Miżura121 kien jinkludi r-ristrutturar tar-razzett biex titjieb il-prestazzjoni ekonomika u l-benessri tal-annimali. Barra minn hekk, l-investiment irrizulta wkoll f'aktar effiċjenza u f'ambjent aktar sostenibbli. Is-Sur Zahra tejjeb aktar il-prestazzjoni ekonomika tiegħu meta għamel investiment vertikali f'tagħmir modern li jipproduċi ġbejniet tradizzjonali Maltin. Il-ħolqien tad-ditta tal-Verdalat kienet il-ħolma ta' Chris u l-familja tiegħu. Din id-ditta ta' ġbejniet Maltin toffri ġbejniet ta' kwalità għolja magħmula 100% minn ħalib tan-nagħaġ. L-investiment implimentat, permezz ta' fondi li ġew mill-Miżura 123 tejjeb il-produzzjoni u l-kwalità tal-ġbejna tradizzjonali. Illum il-Verdalat tixtri u tipproċessa mingħand bdiewa oħra l-ħalib tan-nagħaġ biex tissodisfa d-domanda fis-suq għall-ġbejniet tagħha.

**Riżultati:** B'dan l-investiment, ittejbet il-prestazzjoni ekonomika u l-benessri tal-annimali.

**Pjanijiet futuri:** B'aktar investimenti, is-Sur Zahra jixtieq li jkompli jżid id-daqs tal-merħla tiegħu u l-produzzjoni tal-ġbejniet.

# M121

**Deskrizzjoni tal-proġett/investiment:**

- Ristrutturar tar-razzett għall-prestazzjoni aħjar ta' produzzjoni u l-benessri tal-annimali.
- Ġibjun biex jinġabar l-ilma tax-xita u jiġi reċiklat.
- Post modern fejn jinħalbu n-nagħaġ b'mod mekkanizzat
- Bini ta' demmiela u fossa għat-titjib ambjentali

Total ta' investiment taħt l-M121 .......... €58,817
Appoġġ mill-RDP.......................................... €29,408
Intensità tal-għajnuna ..................................... 50%

# M123

**Deskrizzjoni tal-proġett / investiment:**

- Immodernizzar tal-faċilitajiet eżistenti fejn jiġi pproċessat il-ħalib
- Installazzjoni ta' pannelli/ħitan biex titjieb l-iġjene
- "*Stainless steel cabinets*" biex ikunu pproċessati l-ġbejniet
- tagħmir biex tiġi analizzata l-kwalità tal-ħalib
- 'Icebank' biex il-ħalib frisk ikun imkessaħ aktar malajr.

Total ta' investiment taħt l-M123 ....... €42,995
Appoġġ mill-RDP..........................................€21,497
Intensità tal-għajnuna ......................................50%





# Lenti fuq
# Ir-rwol u s-sehem tal-GAL XLOKK

Il-Fondazzjoni GAL XLOKK imwaqqfa minn Kunsilli Lokali u minn entitajiet privati implimentat diversi proġetti matul dawn l-aħħar snin. Dawn il-proġetti kienu ta' suċċess f'ħafna lokalitajiet fir-reġjun ta' nofsinhar ta' Malta.

Il-GAL XLOKK bdiet topera b'mod uffiċċjali erba' snin ilu. L-ewwel pass kien li ħatret entità privata biex tagħmel studju dwar il-bżonnijiet tar-reġjun. Għalhekk l-entità varat sensiela ta' laqgħat fil-lokalitajiet imsieħba fil-fondazzjoni minn fejn inġabret informazzjoni mingħand ir-residenti u minn rappreżentanti ta' għaqdiet. Wara din il-konsultazzjoni pubblika nġabret informazzjoni li identifikat il-bżonnijiet tar-reġjun, li wasslet biex tinħoloq strateġija li tindirizza dawn il-bżonnijiet. B'hekk l-għaqdiet u r-residenti semmgħu leħinhom, instemgħu, u l-GAL XLOKK ippreparat strateġija mibnija fuq 10 miżuri, liema miżuri kellhom jinħargu kollha sal-aħħar tas-sena 2013.

Ix-xahar ta' Marzu 2011 kien wieħed impenjattiv ħafna għal GAL XLOKK, fejn propju fetħet l-ewwel applikazzjoni taħt il-Miżura 313 ("Żvilupp ta' Attivitajiet Turistiċi"). Kienu sottomessi sitt applikazjonijiet eliġġibli li rriżultaw fl-implimentazzjoni ta' sitt proġetti fix-xlokk ta' Malta fejn fosthom kien hemm il-bini ta' *Leisure Parks* u *Heritage Trails*.

Lejn l-aħħar ta' Ottubru 2011 kienet imnedija espressjoni ta' interess rigward il-Miżura 125. B'kollox ġew sottomessi tmien applikazzjonijiet, kollha kemm huma minn Kunsilli Lokali, u ġie deċiż li kull Kunsill Lokali seta' jibbenefika minn massimu ta' €25,500.

F'Mejju 2012, il-GAL XLOKK ħareġ tliet miżuri li jiffurmaw parti mill-programm LEADER 2007-2013. Fost dawn il-miżuri, tnejn minnhom kienu "*OPEN CALLS*", jew sejħiet miftuħa. Dawn iż-żewg sejħiet miftuħa kienu l-Azzjoni 413.A3 - Sejħa għall-għajnuna lil Għaqdiet Volontarji u l-Azzjoni 413.A8 - Għajnuna lil Għaqdiet Sportivi. B'kollox ibbenefikaw dsatax-il għaqda fejn in-nefqa totali tal-fondi kienet ta' €300,000. Inħareġukoll tender għall-Azzjoni 413.A1A – "Komunikazzjoni u *Branding* tar-Reġjun" u wara l-proċess amministrattiv tal-għażla, il-GAL XLOKK ġie pprovdut bil-mezzi neċessarji għal promozzjoni effettiva, bħal websajt, reklamar fuq mezzi tax-xandir, *banners, billboards*, eċċ.

Matul is-sena 2013 inħarġu l-kumplament tal-miżuri fejn fosthom ngħatat għajnuna diretta lis-setturi artiġjanali u agrikoli, għajnuna biex isiru korsijiet ta' edukazzjoni lit-tfal, u għajnuna diretta lill-Kunsilli Lokali fuq proġetti ta' tisbieħ. Il-GAL XLOKK qed jifforma parti mill-Miżura 421, li hija Miżura transnazzjonali u ta' kooperazjoni ma msieħba barranin fejn qed tiġi promossa d-dieta mediterranja u l-għarfien fir-rigward tal-obesità u t-tfal.

Bil-ħidma kontinwa tal-GAL XLOKK, tal-Membri tal-Bord tagħha, tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali u tal-Awtorità ta' Tmexxija, il-GAL XLOKK irnexxielu jimplimenta il-programm attwali b'suċċess fejn intefqu l'fuq minn €2 miljuni minn fondi Ewropei. Għall-programm il-ġdid (2014-2020) il-GAL XLOKK huwa konvint li se jkompli jibni fuq l-esperjenza u l-għarfien li kiseb biex b'hekk ikompli jkattar ħafna ġid fir-reġjun tax-xlokk, ġid li jgwadu minnu r-residenti kif ukoll dawk li jżuru dan ir-reġjun.

**Christian Salerno**
Maniġer ta' GAL XLOKK



# Attivitajiet Riċenti tal-NRNM

### Parteċipazzjoni f'*Lejl Casal Fornaro*

**21 ta' Settembru, 2013**




L-Awtorità ta' Tmexxija u n-Netwerk Rurali Nazzjonali waqqfu stand u r-rappreżentanti tagħhom qassmu fuljetti dwar proġetti tal-RDP, miżuri u informazzjoni relatata mal-PAK. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti preżenti wieġbu għall-mistoqsijiet ġenerali dwar l-opportunitajiet biex jinkisbu fondi għall-iżvilupp rurali. DVD dwar proġetti li ġew appoġġjati finanzjarjament minn fondi tal-UE intwera matul din is-serata.

### *Evaluation Focus Group*

**18 ta' Ottubru, 2013**



L-Awtorità ta' Tmexxija flimkien mal-"Evaluation Helpdesk" tal-"European Evaluation Network" għall-Iżvilupp Rurali organizza *focus group* dwar it-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' evalwazzjoni għall-programm 2014-2020. Għal-laqgħa attendew membri tal-kumitat ta' monitoraġġ, tal-NRN, tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, l-Awtorità ta' Tmexxija u l-evalwaturi.

Is-sessjoni ffukat fuq il-lezzjonijiet li tgħallimna, jiġifieri dwar is-*set-up* u l-ġestjoni ta' monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm 2007-2013 u dwar kif dawn ġew ikkunsidrati fil-kontenut propost tal-pjan ta' evalwazzjoni 2014-2020.

### Parteċipazzjoni fil-ENRD "Workshop għaż-Żgħażagħ u għall-Bdiewa Żgħar" - Brussell

**11-12 ta' Diċembru, 2013**

Bl-assistenza u l-kooperazzjoni tal-Awtorità ta' Tmexxija, Malcolm Borg (għalliem fl-Istitut tal-Agribusiness – MCAST) u żewġ studenti ppartecipaw fis-seminar li organizzat l-ENRD bl-isem "Youth and Young Farmers Workshop" li sar fi Brussell bejn il-11 u t-12 ta' Diċembru, 2013. Rappreżentanta mill-ENRD ppreżentat is-sejbiet ewlenin minn lagħqat u inizjattivi li saru maż-żgħażagħ kmieni din is-sena . Din l-inizjattiva tikkunsidra x'inhu l-aħjar mod biex jitjiebu l-mezzi li bihom iż-żgħażagħ f'żoni rurali u l-bdiewa żgħażagħ jistgħu jibbenefikaw mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ( FAIER ). Minn din l-inizjattiva ġie stabbilit li l-istrateġiji li ħadmu kienu: l-użu ta' konsultazzjoni inklussiva u miftuħa , l-eliġibbiltà speċifikament għaż-żgħażagħ, kompetizzjonijiet għall-aħjar prattiċi li ġew organizzati minn netwerks rurali oħra, proċeduri amministrattivi sempliċi għall-għotjiet għal proġetti żgħar, taħriġ fl-iżvilupp ta' proġetti u l-inklużjoni taż-żgħażagħ fil-formulazzjoni ta' kwalunkwe strateġija relatata. Waqt din il-laqgħa, il-parteċipanti qassmu wkoll l-esperjenzi tagħhom bħala bdiewa żgħar . Din il-laqgħa kienet opportunità kbira għall-parteċipanti biex ikabbru n-netwerk ma' parteċipanti oħra li kienu ġejjin minn numru ta' pajjiżi Ewropej u biex b'hekk jitgħalmu mill-esperjenzi tagħhom.





# Aħbarijiet u Avvenimenti li ġejjin

Ir-*Rural Festivities Unit* jippreżenta l-programm "Nisġet Artna" li jixxandar fuq Radju Malta 2. Dan il-programm jinkorpora diskussjonijiet dwar l-agrikultura, is-sajd u d-drittijiet tal-annimali. Wieħed jista' jsegwi dan il-programm kull nhar ta Erbgħa fil-ħdax ta' filgħodu.

## Azzjonijiet ġodda mill-GAL

**Grupp Azzjoni Lokali Majjistral**
**Azzjoni 413.8** Reklamar u komunikazzjoni tan-naħa tal-Majjistral ta' Malta

**Grupp Azzjoni Lokali Xlokk**
**Azzjoni M411.A1B**
Twaqqif ta' Tourist Hub

**Grupp Azzjoni Lokali Għawdex**
**GAGF 413.3** Sejħiet miftuħa: Artiġjanat (It-tieni sejħa)
**GAGF 413.5** Tabelli
**GAGF 413.6**
Festivals u Inizjattivi

## Ħatriet



**Sharlo Camilleri**
Kap Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali

Is-sur Sharlo Camilleri huwa gradwat fl-Agrikoltura u l-Ġeografija u għadu kif spiċċa kors Masters tax-Xjenza fil-Ġestjoni Ambjentali u fl-Ippjanar. Huwa daħal fis-settur pubbliku fl-1997 bħala "*Agricultural Technician*", u kien involut fir-riċerka agrikola u l-għoti ta' servizzi ta' konsulenza lill-bdiewa. Huwa ġie promoss għal "*Senior Agricultural Officer*" u kien responsabbli għall-ġestjoni u l-amministrazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-ħamrija kif ukoll il-provvista ta' sostenn tekniku fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE u d-Direttivi relatati mal-Ambjent u l-Agrikoltura. Wara disa' snin jagħmel servizzi ta' riċerka u ta' konsulenza, fl-2006, huwa ngħaqad mal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali u kien involut fl-operazzjonijiet kollha tal-Aġenzija . Fil-pożizzjoni ta' maniġer, kien responsabbli mit-twaqqif tal-Unità ta' Kontrolli tal- Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali u kien persuna importanti fir-ristrutturar tal- Aġenzija fl-2008 . Fl-2009, huwa ġie promoss għal "*Senior Manager*" u kien responsabbli għall-mekkaniżmu ta' kontroll tal- Aġenzija, li jinkludi l-ispezzjonijiet, ir-reġistrazzjoni tal-art agrikola fis-Sistema ta' Identifikazzjoni ( LPIS ) u l-"Cross Compliance". Fl-2011, inħatar Aġent Direttur responsabbli għall-operazzjonijiet tal-Aġenzija, kif ukoll għar-reviżjoni tal-Politika Agrikola Komuni tal-UE.

F'Novembru 2013, is-sur Camilleri nħatar bħala "Kap Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali" u ġie appuntat ukoll bħala membru tal-Bord tal-MEPA minn April 2013.

**LINK GĦALL-ENRD**

Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:
enrd.ec.europa.eu

**XERRED IL-KELMA**

Informa u ħeġġeġ lil partijiet interessati oħra sabiex inżiduhom fil-mailing list tagħna billi tibagħtilna email fuq:
rdd.msdec@gov.mt

**AGĦMEL LINK GĦALL-WEBSAJT TAL-MA FUQ IL-WEBSAJT TIEGĦEK**

www.msdec.gov.mt

**GĦIDILNA L-PJANIJIET TIEGĦEK**

Ibagħtilna informazzjoni dwar aħbarijiet, kampanji u inizjattivi relatati mal-organizzazzjoni, il-qasam jew ir-reġjun tiegħek sabiex ikunu promossi fuq il-websajt tagħna.

**GĦANDEK XI SUĠĠERIMENTI JEW RISPOSTI GĦALINA?**

It-tim tan-newsletter tal-NRN jixtieq jirċievi xi rispons jew suġġerimenti sabiex ikompli jtejjeb din il-pubblikazzjoni. Ibagħtilna email fuq
rdd.msdec@gov.mt

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 – 2013**
Newsletter parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea Assistenza Teknika
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
Rata ta' Ko-finanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta
***L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali***